TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 21/15/GB

**Margherita Mangion**

**vs**

**Lawrence Upholstery Cleaning**

Illum 4 ta' Marzu 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' erbgha mija tmienja u disghin Ewro (€498.00), rappreżentanti l-prezz ta' saqqu, liema saqqu ġie ddanneggjat wara li tnaddaf mill-intimat.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet ċemplet lill-intimat sabiex imur inaddaf is-saqqu taghha u żewġ tapiti. Is-saqqu kien imxarrab hafna u ghalhekk l-intimat hareg is-saqqu fil-gallarija sabiex jinxef. L-intimat kien informaha illi sa filghaxija hija tkun tista' tużah, pero' s-saqqu ha jumejn sabiex jinxef. Imbaghad r-rikorrenti ndunat illi s-saqqu kien beda jitqatta'. Illi ghalhekk, hija talbet lill-intimat sabiex ihallasha ghas-saqqu, pero' hu kien lest li jhallasha nofs il-prezz tas-saqqu biss, u hija ma aċċettatx.

**L-intimat ssottometta bil-miktub illi:-**

It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu respinti bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Ir-rikorrenti ma tistax tintavola lment ghas-servizz li ghalih ma hallsitx, peress illi c-cheque mghoddi lill-intimat bhala hlas ma kienx iffirmat u ghalhekk ma ssarrafx.

2. Fit-tieni lok u minghajr preġudizzju ghas-suespost, il-hsara lamentata ma hijiex kawża tax-xoghol maghmul mill-intimat, iżda minhabba tkaxkir fuq l-injam ta' tahtu, ghaliex kieku d-drapp kien jitqatta' miz-zewg nahat, mhux naha wahda biss.

L-intimat ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi m'ghandiex riċevuta ta' hlas ghaliex hija nsiet tiffirma c-cheque li kitbet u ghalhekk dan baqa' ma ssarrafx. Stqarret ukoll illi l-offerta ta' nofs il-prezz tas-saqqu ma sarx maghha pero' ma' bintha.

Ir-rikorrenti ezebiet sett ta' sitt (6) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.MM1; riċevuta ta' meta tnaddaf is-saqqu, li ġiet immarkata bhala Dok.MM2; u riċevuta ta' meta xtrat is-saqqu fl-ammont ta' erbgha mija disgha u sittin Ewro (€469.00), li ġiet immarkata bhala Dok.MM3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda ġuramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn żied jistqarr illi huwa kien avża lir-rikorrenti biex wara t-tindif ma tohrogx is-saqqu barra minhabba reazzjoni li jista' jkun hemm bejn ix-xemx u l-kimiki li uza, iżda kien kollu ghal xejn ghaliex riedet tohorgu barra. Stqarr illi x-xoghol sar fid-dar tar-rikorrenti u hi kienet preżenti l-hin kollu waqt il-process kollu. Zied jghid ukoll illi huwa qatt ma ghamel offerta lir-rikorrenti.

L-intimat ezebixxa l-istess kopja tar-ricevuta diga' ezebit mir-rikorrenti u mmarkata bhala Dok.MM2; ritratt, li gie mmarkat bhala Dok.LUC1; u kopja tal-garanzija tas-saqqu in kwistjoni, li ġiet immarkata bhala Dok.LUC2.

Xehed Andrea Grech, prodott mill-intimat, fejn fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa kkonferma li kien involut fil-process ta' tindif tas-saqqu, u li r-rikorrenti riedet tpoġġi s-saqqu barra ghalkemm huma kienu insistew li ma taghmlux barra. Stqarr illi drapp ma ghandux jithalla fix-xemx.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'referenza ghax-xhieda ta' l-intimat stess, fejn stqarr: *"jien avzajtha biex wara t-tindif is-saqqu ma tohorgux barra minhabba reazzjoni li jista' jkun hemm bejn ix-xemx u l-kimiki li uzajna imma kien kollu ghalxejn ghax riedet tohorgu barra"*, isib illi kien hemm element ta' nuqqas ta' professjonalita' da parti ta' l-intimat, fejn huwa stess mar kontra l-procedura li suppost tigi segwita billi, hekk skond ir-rikorrenti: *"... they took it out in the balcony to dry"*. Illi pero', l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa wiehed esagerat, konsiderando illi s-saqqu in kwistjoni kien intuza ghal mill-inqas sena u konsiderando wkoll l-istat tas-saqqu qabel ma tnaddaf mill-intimat. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti biss in parte, u jordna lill-intimat ihallas l-ammont likwidat *arbitrio boni viri* ta' hamsin Ewro (€50.00) lir-rikorrenti, b'dana minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi eventwali ammont li l-intimat ghandu dritt li jirriklama minghand ir-rikorrenti ghas-servizz minnu prestat, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**